

Brussell, 10 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16673/24

FISC 267
ECOFIN 1481

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill Ewropew
Nru. dok. preċ.:	16451/24
Suġġett:	Rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport tal-Ecofin lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li ġie approvat mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-10 ta' Diċembru 2024.

RAPPORT TAL-ECOFIN LILL-KUNSILL EWROPEW DWAR KWISTJONIJIET TA' TAXXA

A. INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport tal-Kunsill jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-progress miksub fil-Kunsill matul il-mandat tal-Presidenza Ungeriża, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aktar dossiers importanti li qed jiġu nnegozjati fil-qasam tat-tassazzjoni. Ir-rapport tħejja abbażi ta' diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (Livell Għoli) (HLWP) li koprew kwistjonijiet tal-politika tat-tassazzjoni orizzontali ta' rilevanza strateġika, f'konformità mal-mandat tiegħu.
2. Dan ir-rapport jirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-ħidma tal-Kunsill rilevanti u jkopri kwistjonijiet imsemmija f'diversi konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew mill-2012 'l hawn¹, id-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021², il-konklużjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tal-VAT tal-2012³ u tal-2016⁴, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali" tal-2017⁵, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE⁶, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2020 dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha⁷.

¹ Dok. EUCO 4/3/12 REV 3 (il-punti 9 u 21), EUCO 76/12, EUCO 75/1/13 REV 1, EUCO 14/17 (il-punt 11), EUCO 10/20 (il-punti A29 u 147) u EUCO 13/20.

² Dok. ST 18/21.

³ Dok. ST 9586/12.

⁴ Dok. ST 9494/16.

⁵ Dok. ST 15175/17.

⁶ Dok. ST 8482/20.

⁷ Dok. ST 13350/20.

3. Il-Presidenza Ungeriża kompliet il-ħidma fuq fajls ewlenin, inkluż il-proposti inklużi fil-pakkett "VAT fl-Era Diġitali", ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, il-proposta "L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT), il-proposta dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, il-proposta dwar is-Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali, l-aġġornament tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif ukoll il-proposta għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa. Kompliet ukoll b'mod attiv il-ħidma fir-rigward tan-negozjati dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti abbażi ta' diskussjonijiet bejn l-Istati Membri fl-UE.
4. B'mod aktar speċifiku, il-Kunsill:
- a) laħaq qbil dwar il-pakkett "Il-VAT fl-Era Diġitali";
 - b) laħaq qbil politiku dwar il-proposti fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT;
 - c) għamel progress fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u dwar il-VAT fuq l-importazzjoni;
 - d) għamel progress sinifikanti fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija lejn qbil politiku li għandu jintlaħaq dalwaqt;
 - e) adotta d-Direttiva tal-Kunsill dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi fras il-ġhajn eċċessivi (FASTER);
 - f) kompla bil-ħidma preparatorja fir-rigward tal-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, u avvanza d-diskussjonijiet tekniċi dwar l-istabbiliment possibbli tal-Pjattaforma għall-Ipprezzar ta' Trasferiment;
 - g) kompla jiddiskuti l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa;
 - h) kompla bl-eżami tal-proposti għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (HOT) u Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT);

- i) beda n-negozjati dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC9");
 - j) laħaq pożizzjoni komuni għat-tieni sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc biex jabbozza termini ta' referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-kooperazzjoni fiskali internazzjonali (New York, 29 ta' Lulju - 16 ta' Awwissu 2024) u dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet tat-taxxa għad-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.
5. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) kompli wkoll ulterjorment bil-ħidma tiegħu dwar id-diversi kwistjonijiet li jaqgħu fil-mandat attwali tiegħu, inkluż dwar il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, kif inniżżel fir-rapport ta' kull sitt xhur tiegħu⁸. L-aktar aġġornament reċenti mill-Kunsill tal-lista tal-UE sar fit-8 ta' Ottubru 2024⁹.
6. Informazzjoni aktar dettaljata dwar suġġetti u fajls speċifiċi tinsab hawn taħt.

B. LEĠIŻLAZZJONI TAL-UE DWAR IT-TAXXA

1) Tassazzjoni Diretta

a) AKTAR RAPIDA

7. Fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi ("FASTER")¹⁰.
8. Wara ħidma preparatorja,¹¹ waqt il-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Mejju 2024 il-Kunsill (Ecofin) laħaq approċċ ġenerali dwar it-test tal-abbozz ta' Direttiva¹², bil-ħsieb li jadotta d-Direttiva, soġġett għal konsultazzjoni mill-ġdid mal-Parlament Ewropew u r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.

⁸ Dok. ST 16328/24 + ADD 1-7.

⁹ ĠU C, 2024/1804, 26.2.2024, paġni 1-4.

¹⁰ Dok. ST 10820/23 + ADD 1-5.

¹¹ Dok. ST 11287/24, il-punti 11 sa 18.

¹² Dok. ST 9925/24.

9. Wara l-ħruġ mill-Parlament Ewropew tal-opinjoni tiegħu u tar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fl-10 ta' Diċembru 2024 il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill dwar ħelsien aktar rapidu u aktar sikur mit-taxxi frasi l-ġħajn eċċessivi.¹³

b) Użu ħażin ta' entitajiet fittizji

10. Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa u li temenda d-Direttiva 2011/16/UE (il-proposta "Unshell")¹⁴.

11. L-objettiv tal-proposta huwa li tipprevjeni l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa permezz ta' azzjonijiet minn entitajiet mingħajr sustanza minima, u ttejjeb il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Il-proposta għandha l-ġħan li tiġġieled kontra l-użu ħażin ta' entitajiet fittizji għal finijiet ta' taxxa mhux xierqa u li tiżgura li l-kumpaniji fittizji fl-UE li ma jkollhom l-ebda attività ekonomika jew li jkollhom attività ekonomika minima ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn vantaġġi tat-taxxa.

12. Fl-ewwel semestru tal-2022 bdiet analiżi teknika tal-proposta, id-delegazzjonijiet kellhom diskussjonijiet ibbażati fuq it-testi ta' kompromess u n-noti ta' informazzjoni mħejjija mill-Presidenzi konsekuttivi¹⁵. Dawn li ġejjin kienu xi wħud mill-aktar kwistjonijiet diskussi: il-konsegwenzi tat-taxxa, ir-rabtiet mal-leġiżlazzjoni domestika kontra l-abbuż, l-entitajiet esklużi, is-sustanza minima, il-preżunzjoni konfutabbli u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, iċ-ċertifikat tar-residenza tat-taxxa u l-iskambju tal-informazzjoni. L-HLWP ipprovda gwida għal aktar ħidma dwar il-kwistjonijiet pendenti. Fil-prinċipju, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-objettivi tal-proposta, iżda kienu tal-fehma li biex jintlaħaq ftehim kien hemm bżonn ta' ħidma teknika importanti ulterjuri.

¹³ Dok. ST 16323/24.

¹⁴ Dok. ST 15296/21.

¹⁵ Ara r-rapport preċedenti fid-dok. ST 11287/24.

13. F'Ġunju 2024 ġie ppreżentat lid-delegazzjonijiet approċċ ġdid dwar il-proposta Unshell. Il-Presidenza Ungeriża trasformat dan l-approċċ f'suġġerimenti konkreti ta' abbozzar dwar xi suġġetti ewlenin, b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni, il-karatteristiċi distintivi, l-obbligu ta' rappurtar u l-iskambju ta' informazzjoni, u l-azzjonijiet amministrattivi. Fis-26 ta' Novembru 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) iddiskuta dawn is-suġġerimenti ta' abbozzar, l-implikazzjonijiet prattiċi tal-approċċ il-ġdid b'mod ġenerali u l-oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni. Xi delegazzjonijiet qiesu li huwa importanti li tiġi ċċarata r-relazzjoni mad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC). Ġie enfasizzat li l-passi possibbli li jmiss dwar dan il-fajl għandhom jittieħdu b'tali mod li ma jwasslux għal piż amministrattiv eċċessiv għan-negozji u l-awtoritajiet tat-taxxa.

c) Direttiva dwar Prezzar ta' Trasferiment

14. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-ipprezzar ta' trasferiment,¹⁶ li essenzjalment għandha l-għan li tintegra fid-dritt tal-UE prinċipji u regoli ewlenin fir-rigward tal-ipprezzar ta' trasferiment, li huma maqbula fil-qafas tal-OECD.

15. Din il-proposta leġiżlattiva "għandha l-għan li tissimplifika r-regoli tat-taxxa billi żżid iċ-ċertezza tat-taxxa għan-negozji fl-UE, u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' litigazzjoni u ta' tassazzjoni doppja u l-kostijiet ta' konformità korrispondenti u għaldaqstant ittejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tas-Suq Uniku"¹⁷. Din il-proposta tkopri l-aspetti ewlenin li ġejjin:

- l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fid-dritt tal-Unjoni;
- l-armonizzazzjoni tar-regoli ewlenin dwar l-ipprezzar ta' trasferiment;
- l-iċċarar tar-rwol u l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment; u
- il-ħolqien tal-possibbiltà li fl-Unjoni jiġu stabbiliti regoli vinkolanti komuni dwar suġġetti speċifiċi ta' prezzar ta' trasferiment fil-qafas tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment.

16. Wara l-ewwel diskussjoni ġenerali dwar din il-proposta leġiżlattiva taħt il-Presidenza Spanjola, il-Presidenza Belġjana nediet analiżi fil-fond tal-proposta tal-Kummissjoni fil-livell tad-WPTQ.

¹⁶ Dok. ST 12954/23 + ADD 1.

¹⁷ Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni fid-dok. ST 12954/23.

17. Abbażi tal-ħidma preparatorja li saret matul il-Presidenzi preċedenti,¹⁸ il-Presidenza Ungeriża bdiet diskussjoni dwar triq 'il quddiem possibbli fir-rigward tal-proposta għal Direttiva, u stiednet lill-Istati Membri jidentifikaw l-aspetti ta' din il-proposta leġiżlattiva li jista' jkollhom prospett li jsiru parti minn ftehim dwar Direttiva tal-Kunsill.
18. Barra minn hekk, b'mod parallel mad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill, il-Presidenza avvanzat id-diskussjonijiet tekniċi dwar il-possibbiltà li tiġi stabbilita Pjattaforma tal-Ipprezzar ta' Trasferiment 'l barra mill-qafas ta' Direttiva tal-Kunsill, b'kunsiderazzjoni għall-interess mid-delegazzjonijiet li jesploraw possibbiltajiet għal metodu ta' ħidma bejn l-Istati Membri li jżomm ir-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fil-kompetenza tagħhom u jippermetti li jiġu proposti, imfassla u ddeterminati soluzzjonijiet mhux legalment vinkolanti bbażati fuq il-kunsens għal kwistjonijiet prattiċi fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment, bl-għan li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet u l-piż amministrattiv kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa.
19. Fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment, id-Diskussjonijiet fil-livell tad-WPTQ komplew juru li din il-proposta leġiżlattiva mhijiex qed tikseb appoġġ biżżejjed mill-Istati Membri. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ma jaraw l-ebda possibbiltà li jsir aktar progress abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni fil-forma attwali tagħha. Minkejja dan, fit Stati Membri biss huma tal-fehma li d-diskussjonijiet tekniċi jistgħu jkomplu, sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx xi aspetti proċedurali relatati mar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment, li possibbilment jistgħu jiġu armonizzati b'Direttiva tal-Kunsill.
20. Fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi stabbilita l-Pjattaforma tal-Ipprezzar ta' Trasferiment, sar progress fid-diskussjonijiet dwar il-possibbiltajiet għall-qafas istituzzjonali, l-istruttura, il-mandat, il-governanza u r-regoli tal-votazzjoni tagħha, kif ukoll dwar aspetti rilevanti oħra. Il-ħidma f'dan il-qasam tista' tkompli, soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 296(3) TFUE, filwaqt li tibni fuq il-progress miksub u fuq il-parametri ewlenin ta' Pjattaforma tal-Ipprezzar ta' Trasferiment, kif diskuss matul il-mandat tal-Presidenza Ungeriża.
21. F'dan il-kuntest, ser tkun meħtieġa ħidma ulterjuri biex titħejja l-bażi għall-possibbiltà li jsir progress.

¹⁸ Dok. ST 11287/24, il-punti 23 sa 29.

d) Id-Direttiva dwar is-Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali

22. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT) għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs),¹⁹ li għandha l-għan li tissimplifika l-konformità mar-regoli tat-taxxa korporattiva għall-SMEs li jiddeċiedu li joperaw b'mod transfruntier fl-UE. Essenzjalment il-Kummissjoni tipproponi li l-SMEs bi stabbiliment permanenti fi Stat Membru ("ospitanti") ieħor [...], ikomplu japplikaw ir-regoli tat-taxxa li huma familjari magħhom (tal-Istat Membru "domiċiljari"), biex jikkalkulaw u jirrapportaw ir-riżultat taxxabbli tal-istabbilimenti permanenti tagħhom fi Stati Membri ("ospitanti") oħra lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru "domiċiljari". Dan l-arranġament ikun mistenni jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozji, ihegġegħ l-espansjoni transfruntiera tal-SMEs u jikkontribwixxi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-suq intern.
23. Wara diskussjoni ġenerali inizjali dwar il-proposta tal-Kummissjoni taħt il-Presidenza Spanjola, il-Presidenza Belġjana wettqet eżami dettaljat tal-artikoli tal-proposta²⁰. Wara l-ewwel qari tal-proposta, il-Presidenza Ungeriża bdiet diskussjoni flivell tekniku u għoli dwar tliet kwistjonijiet wiesgħa ta' interess: l-ewwel nett, il-Presidenza Ungeriża ffaċilitat diskussjoni dwar triq 'il quddiem potenzjali billi ppreżentat tnaqqis possibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni; it-tieni, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri jeżaminaw it-tħassib prinċipali tagħhom fir-rigward ta' din il-proposta leġiżlattiva; u t-tielet, fid-dawl tal-objettiv kondiviż tal-proposta leġiżlattiva dwar is-Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT), il-Presidenza talbet il-fehmiet tal-Istati Membri dwar miżuri possibbli oħra li jistgħu jiġu kkontemplati b'appoġġ għall-SMEs.

¹⁹ Dok. ST 12951/23 + ADD 1-5.

²⁰ Dok. ST 11287/24, il-punti 31 sa 33.

24. Is-suġġeriment li jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ma kienx aċċettabbli għall-Istati Membri, peress li tali approċċ ma jeliminax it-tħassib fundamentali tal-prinċipju li l-Istati Membri għandhom fir-rigward tal-proposta leġislattiva. Barra minn hekk, bosta Stati Membri indikaw li tali tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni jista' jżid it-tħassib li l-miżuri proposti ma jkunux effettivi biex iħeġġu lill-SMEs jespandu b'mod transfruntier u l-oġettivi ta' din il-proposta ma jintlaħqux.
25. Id-diskussjoni usa' dwar il-proposta tal-Kummissjoni turi li filwaqt li l-Istati Membri jappoġġaw bis-sħiħ l-oġettiv ġenerali li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntieri tal-SMEs, l-appoġġ għall-proposta leġislattiva dwar l-HOT huwa ferm limitat. Wara d-diskussjonijiet fid-WPTQ (Tassazzjoni Diretta u Livell Għoli) ġie nnutat li l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (HOT) għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ma tistax tiġi appoġġata mill-Istati Membri minħabba t-tħassib fundamentali tal-prinċipju li l-Istati Membri għandhom rigward il-proposta leġislattiva.
26. B'referenza għal diskussjoni usa' dwar miżuri oħra li jistgħu jiġu kkontemplati b'appoġġ għall-SMEs, ġie nnotat li hemm modi kif l-SMEs jiġu appoġġati b'miżuri li jvarjaw minn dawk ippreżentati mill-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni. F'dak il-kuntest, għadd ta' Stati Membri indikaw ukoll li hemm bżonn ta' analiżi usa' tal-fatturi, li tista' titfa' aktar dawl fuq l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu, inkluż appoġġ lil hinn mill-miżuri tat-tassazzjoni, sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jespandu u jagħmlu l-aħjar użu mis-suq".²¹

²¹ "Europe's choice - Political Guidelines for the next European Commission 2024-2029", https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_en?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_EN.pdf, il-paġna 6.

e) Id-Direttiva dwar il-BEFIT

27. Fit-12 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu (BEFIT),²² li l-objettiv ewlieni tiegħu huwa li jiġi żviluppat qafas komuni tat-taxxa korporattiva għall-kumpaniji multinazzjonali kbar fl-UE. Wara l-proposta tal-BEFIT, il-Kummissjoni rtirat il-proposti dwar Bażi Komuni (Konsolidata) għat-Taxxa Korporattiva (il-BKTK/BKKTK), li kienu ilhom fuq il-mejda tal-Kunsill mill-2016 u li ma sar xejn aktar dwarhom minħabba n-negozjati globali li bdew b'mod parallel dwar ir-Riforma b'Żewġ Pilastru (fil-kwadru tal-Qafas inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS).
28. Wara l-preżentazzjoni ta' din il-proposta leġiżlattiva matul il-mandat tal-Presidenza Spanjola, il-Presidenza Belġjana bdiet analiżi fil-fond, fejn saret diskussjoni aktar dettaljata dwar il-biċċa l-kbira tal-ewwel għoxrin Artikolu tal-proposta tal-Kummissjoni, primarjament dwar il-potenzjal li dawn jiġu allinjati ulterjorment mar-regoli tat-Tieni Pilastru. Ir-riżultati ta' din il-ħidma nġabru fil-qosor fir-rapport preċedenti lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa.²³
29. Matul il-mandat tal-Presidenza Ungeriża kompliet l-analiżi tal-proposta tal-Kummissjoni, b'enfasi speċifika fuq ir-regoli dwar id-deprezzament tat-taxxa (l-Artikolu 19, 22-28 u 35), il-ħin u l-kwantifikazzjoni (l-Artikolu 29 sa 33), l-aggregazzjoni u l-allokkazzjoni tal-baży għat-taxxa tal-BEFIT (il-Kapitolu III), is-sistema tad-"dawl tat-traffiku" (il-Kapitolu IV), kif ukoll għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni u l-proċedura (il-Kapitolu V).
30. Huwa nnotat li xi Stati Membri jixtiequ li ssir diskussjoni politika dwar il-BEFIT, madankollu huwa meqjus li ser ikunu meħtieġa aktar riflessjoni u ħidma teknika minn qabel biex jiġu ddeterminati l-passi li jmiss f'dawn in-negozjati matul il-mandat tal-Presidenza li jmiss. F'dan ir-rigward, diversi Stati Membri ssuġġerew ukoll il-possibbiltà li tingħata prijorità lid-diskussjonijiet dwar ċerti partijiet speċifiċi tal-proposta, bħala triq 'il quddiem. L-analiżi teknika tal-proposta tal-Kummissjoni tista' għalhekk titkompla bl-għan li titħejja diskussjoni dwar l-għażliet politiċi.

²² Dok. ST 12965/23 + ADD 1-3.

²³ Dok. ST 11287/24, il-punti 34 sa 38.

2) Tassazzjoni Indiretta

a) Il-VAT fl-Era Diġitali

31. Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ħarġet il-pakkett tagħha "Regoli tal-VAT għall-era diġitali", li fih tliet proposti:

- proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali²⁴;
- proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali²⁵; u
- proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni għal ċert skemi tal-VAT²⁶.

32. Il-pakkett għandu tliet objettivi. L-ewwel nett, għandu l-għan li jimmodernizza l-obbligi ta' rapportar tal-VAT billi jintroduċi rekwiżiti ta' rapportar diġitali bbażati fuq il-fatturazzjoni elettronika. It-tieni, beħsiebu jindirizza l-isfidi tal-ekonomija tal-pjattaformi billi jaġġorna r-regoli applikabbli tal-VAT. U t-tielet, għandu l-għan li jindirizza l-piż amministrattiv billi jimxi lejn reġistrazzjoni unika tal-VAT.

²⁴ Dok. ST 15841/22.

²⁵ Dok. ST 15842/22.

²⁶ Dok. ST 15843/22.

33. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fit-3 ta' Marzu 2023²⁷. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett fis-27 ta' April 2023²⁸. Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-seduta plenarja tiegħu tat-22 ta' Novembru 2023²⁹.
34. Il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett tagħha f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma taħt il-Presidenza Ċeka, u l-Presidenza Żvediża bdiet il-ħidma tagħha fir-rigward tal-pakkett, inkluż testi ta' kompromess dwar it-tliet aspetti kollha tal-proposti, li ntlaqgħu tajjeb mid-delegazzjonijiet bħala bażi soda għal aktar ħidma.
35. Biex imexxi ulterjorment il-ħidma fuq dan il-fajl, fis-16 ta' Ġunju 2023 il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposti, li tħejja mill-HLWP fl-1 ta' Ġunju 2023. Fid-dibattitu, il-Ministri laqgħu tajjeb b'mod ġenerali l-linji ġenerali tal-proposti tal-Kummissjoni u l-progress li sar taħt il-Presidenza Żvediża. Bosta ministri talbu wkoll flessibbiltà dwar l-oqfsa domestiċi ta' rapportar diġitali u dwar is-soluzzjoni biex il-pjattaformi jingħataw rwol akbar fil-ġbir tal-VAT.
36. Taħt il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana l-ħidma teknika ġiet iffinalizzata abbażi tal-orjentazzjonijiet mill-Kunsill. Taħt il-Presidenza Belġjana, il-Kunsill ikkunsidra proposti ta' kompromess fil-laqgħat tal-Ecofin ta' Mejju u ta' Ġunju 2024. Delegazzjoni waħda ma setgħetx taqbel mat-testi ta' kompromess tal-Presidenza ppreżentati għal qbil minħabba oġġezzjonijiet fir-rigward tal-partijiet tal-proposta relatati mal-ekonomija tal-pjattaformi.

²⁷ Dok. ST 7071/23.

²⁸ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Il-VAT fl-Era Diġitali", dok. ECO/653, <https://webapi2016.eesc.europa.eu/v1/documents/EESC-2022-06315-00-00-AC-TRA-MT.docx/content>

²⁹ Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT għall-era diġitali, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0421_MT.pdf; Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-VAT meħtieġa għall-era diġitali, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0422_MT.pdf.

37. F'Ottubru 2024, il-Presidenza Ungeriża ppreżentat test ta' kompromess ġdid li kompla jnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mal-użu tal-possibbiltà li l-SMEs jiġu eżentati mir-reġim tal-fornitur meqjus u pprevediet il-possibbiltà li jiġi ttardjat temporanjament d-dħul fl-applikazzjoni tal-miżura, u pposponiet għadd ta' skadenzi għat-traspożizzjoni fuq il-parti tal-pakkett dwar ir-reġistrazzjoni unika tal-VAT. Fil-5 ta' Novembru, il-Kunsill (Ecofin) laħaq qbil dwar dan il-kompromess, li jikkonsisti f'approċċ ġenerali dwar id-Direttiva emendatorja, u qbil politiku dwar ir-Regolament emendatorju, u qbil politiku dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni emendatorju. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jikkonsulta mill-ġdid lill-Parlament Ewropew dwar id-Direttiva.

b) Regoli tal-VAT għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u dwar il-VAT fuq l-importazzjoni

38. Fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ħarġet pakkett ta' proposti fil-qafas ta' riforma wiesgħa u komprensiva tal-Unjoni Doganali, akkumpanjat minn Komunikazzjoni intitolata: "Riforma doganali: Inwasslu lill-Unjoni Doganali għal-livell li jmiss"³⁰. Dan il-pakkett kien jinkludi wkoll proposta dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud [...], jiġifieri proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-regoli tal-VAT relatati ma' persuni taxxabbli li jiffaċilitaw il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-applikazzjoni tal-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi u arranġamenti speċjali għad-dikjarazzjoni u l-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni (id-"Direttiva dwar bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata u l-VAT fuq l-importazzjoni")³¹.

39. Wieħed mill-għanijiet tar-riforma doganali huwa li tiġi indirizzata ż-żieda drastika fil-volumi tal-kummerċ, fil-biċċa l-kbira xprunata mit-tkabbir straordinarju tal-kummerċ elettroniku li jiġġenera għadd esponenzjali ta' pakketti żgħar ta' merkanzija ta' valur baxx. Każijiet ta' sottovalutazzjoni u qsim intenzjonat ta' kunsinni biex il-valur tagħhom jinżamm taħt il-EUR 150 biex jiġu evitati d-dazji doganali jkomplu jżidu mad-diffikultajiet. Il-proposti ta' riforma għalhekk għandhom l-oġettiv li jneħħu l-eżenzjoni doganali għal merkanzija li tiswa sa limitu massimu ta' EUR 150 u li jintroduċu sistema ġdida ta' tariffi għal kunsinni ta' valur baxx ibbażata fuq erba' kategoriji.

³⁰ Dok. ST 9622/23.

³¹ Dok. ST 9638/23.

40. Attwalment, dan il-limitu massimu ta' EUR 150 jeżisti wkoll għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni dwar il-fornitur preżunt fid-Direttiva tal-VAT, kif ukoll għall-użu tal-punt uniku ta' servizz għall-importazzjonijiet (IOSS) għall-finijiet ta' VAT: l-applikazzjoni tiegħu hija limitata għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata li ma taqbiżx il-EUR 150. Il-proposta tal-VAT fil-pakkett għandha l-għan li tneħħi dan il-limitu massimu anke għall-finijiet tal-IOSS, biex tallinja r-regoli doganali u dawk tal-VAT fir-rigward tal-kummerċ elettroniku.
41. Barra minn hekk, minħabba li ma kien hemm l-ebda appoġġ għal użu obligatorju tal-IOSS fin-negozjati tal-pakkett dwar il-VAT fl-Era Diġitali, taħt il-Presidenza Spanjola u l-Presidenza Belġjana ġiet żviluppata soluzzjoni alternattiva biex jiġi inċentivat l-użu tal-IOSS, b'mod partikolari billi tagħmel il-fornitur jew il-fornitur meqjus responsabbli għall-VAT fuq l-importazzjoni fl-Istati Membri tad-destinazzjoni finali tal-merkanzija (li jimplika li l-fornituri (meqjusa) ikollhom jirreġistraw separatament f'kull Stat Membru fejn jagħmlu negozju jekk ma jużawx l-IOSS).
42. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn din is-soluzzjoni ta' inċentivazzjoni u r-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ġie deċiż li jiġu diskussi d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-kuntest tal-proposta tal-VAT fir-riforma doganali. Matul erba' laqgħat tad-WPTQ, il-Presidenza Ungeriża kompliet tirfina aktar is-soluzzjoni, inkluż b'miżuri biex jiġi assigurat aktar il-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni u miżura ta' riżerva li tagħmilha possibbli għall-Istati Membri li f'każijiet eċċezzjonali jippermettu lill-klijent iħallas il-VAT fuq l-importazzjoni, u ddiskutiet it-tneħħija tal-limitu massimu ta' EUR 150 għall-IOSS.
43. Waqt in-negozjati, sar suġġeriment biex tiġi estiża d-definizzjoni tal-"bejgħ mill-bogħod kollu ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi" għall-provvisti minn imħażen doganali, sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti - f'termini tal-possibbiltà li l-IOSS jintuża għall-finijiet tal-VAT - bejn il-provvisti li jaslu f'pakketti individwali u l-provvisti li jaslu bl-ingrossa fl-imħażen doganali biex imbagħad jinbiegħu lill-konsumaturi. Fid-dawl tal-benefiċċji possibbli għall-finijiet ta' kontroll doganali, il-Presidenza Ungeriża inkludiet dan is-suġġeriment fit-test ta' kompromess tagħha tal-abbozz ta' Direttiva dwar il-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti importati u l-VAT fuq l-importazzjoni.

44. Sar progress sinifikanti fl-aspetti differenti kollha tal-proposta, u fl-HLWP tas-27 ta' Novembru 2024 kien hemm qbil dwar l-inċentivar tal-IOSS (is-soluzzjoni alternattiva għal IOSS obbligatorju) bħala t-triq 'il quddiem. Barra minn hekk, filwaqt li ġie rikonoxxut li hija meħtieġa ħidma addizzjonali, ġie maqbul li d-dispożizzjonijiet ikkonċernati, inkluż ir-regola ta' riżerva, ġew ikkunsidrati mid-delegazzjonijiet kollha bħala bażi solida għal aktar ħidma fuq id-dispożizzjonijiet doganali relatati.
45. Dwar l-abolizzjoni tal-limitu ta' EUR 150, id-delegazzjonijiet kienu lesti jesploraw aktar din l-għażla. Madankollu ġie enfasizzat li qabel ma jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-IOSS, ir-robustezza tiegħu trid tissaħħaħ u tiġi evalwata. Barra minn hekk, għandhom jiġu esplorati modi addizzjonali għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa. Xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi rieżaminat il-qafas regolatorju eżistenti biex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u effettiv tal-IOSS. Fir-rigward tal-estensjoni tal-applikazzjoni tal-IOSS għal merkanzija fornuta minn imħażen doganali, l-Istati Membri qablu li din il-proposta jistħoqqilha eżami ulterjuri. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet qablu li dawn il-miżuri, jekk ikun hemm qbil dwarhom, jistgħu jidħlu fis-seħħ fid-dawl tal-progress fin-negozjati dwar ir-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

c) Ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT

46. Fit-8 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ proposti bil-għan li ċ-ċertifikat stampat tal-eżenzjoni mill-VAT attwali jiġi sostitwit b'ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mill-VAT:
- i. proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud; u
 - ii. proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 282/2011 fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud.
47. Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-VAT toħloq il-kundizzjonijiet legali għall-iżvilupp taċ-ċertifikat elettroniku mill-Kummissjoni permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tipprevedi l-użu alternattiv kemm taċ-ċertifikat stampat kif ukoll ta' dak elettroniku matul fażi ta' tranżizzjoni.

48. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħareġ l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti fit-18 ta' Settembru 2024³². Il-Parlament Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-14 ta' Novembru 2024³³.
49. Iż-żewġ proposti ġew eżaminati f'erba' laqgħat tad-WPTQ. Saru għadd ta' emendi għall-proposta, b'mod partikolari biex jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li jiġi użat iċ-ċertifikat elettroniku ta' eżenzjoni mill-VAT għal sitwazzjonijiet fejn ikunu involuti żewġ Stati Membri u fejn l-eżenzjoni ma tingħatax permezz ta' rifiżjoni, u biex jiġu inklużi xi elementi ewlenin taċ-ċertifikat elettroniku futur. Barra minn hekk, il-bidu tal-fażi ta' tranżizzjoni ġie ttardjat u l-perjodu ta' tranżizzjoni tqassar.
50. Abbażi ta' dan, fl-10 ta' Diċembru 2024 il-Presidenza Ungeriża ppreżentat testi ta' kompromess lill-Kunsill (Ecofin), u l-Kunsill laħaq qbil politiku dwar iż-żewġ proposti.
- d) Reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija (ETD)
51. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tirrifirma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)³⁴, ("il-proposta tal-ETD").
52. Il-proposta tal-ETD hija parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"³⁵, li għandu l-għan li jimplimenta l-miri ambizzjużi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Il-pakkett huwa magħmul minn proposti interkonnessi, li kollha għandhom l-istess għan li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, kompetittiva u ekoloġika sal-2030 u lil hinn.

³² Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Iċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud", dok. ECO/653,

<https://webapi2016.eesc.europa.eu/v1/documents/EESC-2024-03143-00-00-AC-TRA-EN.docx/content>

³³ Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward taċ-ċertifikat elettroniku tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud, https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-10-2024-0032_MT.html.

³⁴ Dok. ST 10872/21.

³⁵ Dok. ST 10849/21.

53. Il-proposta tal-ETD għandha l-għan li tilħaq l-oġġettivi li ġejjin:
- a) il-forniment ta' qafas adattat li jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan ikun jinvolvi l-allinjament tat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku mal-politiki tal-UE dwar l-enerġija, l-ambjent u l-klima u b'hekk jikkontribwixxi għall-isforzi tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;
 - b) il-forniment ta' qafas li jippreserva u jtejjeb is-suq intern tal-UE permezz tal-aġġornament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-istruttura tar-rati, u permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-użu ta' eżenzjonijiet u tnaqqis fiskali mill-Istati Membri; u
 - c) il-preservazzjoni tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri.
54. Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill (Ecofin) ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Prezidenza dwar il-proposta tal-ETD³⁶. Fis-6 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill (Ecofin) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni³⁷ dwar il-proposta tal-ETD u ta gwida politika dwar it-triq 'il quddiem. B'mod ġenerali, il-ministri appoġġaw l-approċċ aktar flessibbli tal-Prezidenza u talbu biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti. B'kunsiderazzjoni tal-gwida politika, kompliet l-analiżi teknika.
55. Abbażi tal-progress magħmul mill-Prezidenzi preċedenti, il-Prezidenza Ungeriża kompliet il-ħidma fuq ir-reviżjoni tal-ETD. Il-fajl ġie analizzat fid-WPTQ tat-12 ta' Lulju, tas-16 ta' Settembru, tat-23 ta' Ottubru u tal-14 ta' Novembru. Barra minn hekk, sar skambju ta' fehmiet fl-HLWP tas-26 ta' Settembru u tas-27 ta' Novembru. Il-Prezidenza ħejjiet testi ta' kompromess sħaħ f'diversi okkażjonijiet.

³⁶ Dok. ST 9874/22.

³⁷ Dok. ST 14736/22.

56. Il-Presidenza għamlet sforzi sinifikanti sabiex tirrikonċilja l-fehmiet dwar waħda mill-aktar kwistjonijiet diviżivi - it-tassazzjoni tal-prodotti użati fis-setturi tal-avjazzjoni u tan-navigazzjoni fuq l-ilma. Wara diversi suġġerimenti ta' abbozzar mill-Presidenzi preċedenti b'livelli differenti ta' ambizzjoni, il-Presidenza Ungeriża pproponiet rata minima ta' taxa żero għal 20 sena u mbagħad eżenzjoni mit-taxxa għal dawn iż-żewġ setturi b'rieżami fl-2035. Madankollu, peress li lanqas ma kien hemm qbil rigward dawn il-proposti, il-Presidenza pproponiet li jinżamm it-test tal-ETD applikabbli bħalissa dwar l-avjazzjoni u n-navigazzjoni fuq l-ilma u li tiżdied klawżola ta' rieżami fl-2035.
57. Barra minn hekk, il-Presidenza inkoraġġiet lid-delegazzjonijiet jeżaminaw kwistjonijiet pendenti oħra b'enfasi fuq dawn li ġejjin: il-kjarifika ta' kwistjonijiet ta' traspożizzjoni relatati mat-tabella ta' konverżjoni tal-valuri kalorifiċi netti (Anness II) u kwistjonijiet ta' għajjnuna mill-Istat, li jinvolvu wkoll id-DG COMP tal-Kummissjoni; brejk ta' emerġenza f'każ ta' żieda eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-enerġija; perjodi tranżizzjonali fil-każ tal-gass naturali, l-LPG, il-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u l-enerġija u l-unitajiet domestiċi; il-possibbiltà ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali fil-każ tal-moviment ta' żjut lubrikanti f'pakketti; tassazzjoni bbażata fuq il-komponenti; l-inklużjoni tal-kwistjoni tar-rifużjonijiet; żmien biżżejjed għat-traspożizzjoni.
58. Bl-aktar test ta' kompromess reċenti, il-Presidenza qieset li kienet għamlet l-almu kollu tagħha biex tagħlaq il-ftit kwistjonijiet pendenti li fadal. Il-Presidenza tammetti li għad hemm xi suġġetti li mhux id-delegazzjonijiet kollha jaqblu dwarhom, iżda temmen li t-test ta' kompromess fih is-soluzzjonijiet li huma aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. Il-Presidenza hija tal-fehma li aktar modifiki fuq it-talba ta' xi delegazzjonijiet kienu jwasslu biex jonqos l-appoġġ minn xi delegazzjonijiet oħra. Il-Presidenza temmen li l-kompromess miksub s'issa jirrappreżenta bilanċ xieraq bejn l-għanijiet ekoloġiċi u l-kunsiderazzjoni tal-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri.

59. Il-Prezidenza għalhekk ssuġġeriet l-approċċ li għej sabiex ikun hemm progress: (1) Peress li l-kwistjoni tat-tassazzjoni tal-avjazzjoni u tan-navigazzjoni fuq l-ilma tidher li qed timblokka l-kbil dwar id-Direttiva kollha kemm hi, il-Prezidenza tissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet rispettivi tal-ETD applikabbli bħalissa jibqgħu l-istess għalissa u li l-fattibbiltà tat-tassazzjoni ta' dawn is-setturi terġa' tiġi diskussa fl-2035. (2) Fir-rigward tal-kompromess milħuq s'issa dwar id-direttiva sħiħa, il-Prezidenza rrakkomandat li din titqies bħala pakkett, li jirrappreżenta bilanċ delikat bejn il-fehmiet differenti u li jiġi diskuss u possibbilment aċċettat il-kontenut tiegħu fuq livell politiku u fil-futur jiġu ttrattati biss l-iskrutinju legali u l-kwistjonijiet tekniċi.
60. Fil-laqgħa tal-attachés tal-14 ta' Novembru 2024, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet laqgħu l-idea li tinkiseb gwida politika mill-Kunsill Ecofin. Fir-rigward tas-setturi tal-avjazzjoni u tan-navigazzjoni fuq l-ilma, fl-ispirtu ta' kompromess, b'mod preliminari il-biċċa l-kbira tad-delegazzjoni jistgħu jappoġġaw li tinżamm l-ETD applikabbli bħalissa mingħajr tibdil iżda li tiġi prevista klawżola ta' reviżjoni fl-2035. Xi delegazzjonijiet jippreferu l-inklużjoni tal-kunċett dwar inġenji [...] tal-ajru li għandhom 19-il sedil jew inqas. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet kienu tal-fehma li l-kompromess milħuq s'issa dwar id-direttiva bħala ħaġa waħda jirrappreżenta bilanċ delikat bejn fehmiet differenti, b'kunsiderazzjoni ta' diversi aspetti, bħall-għanijiet ekoloġiċi, l-ispeċifikitajiet tal-Istati Membri, il-kompetittività u s-suq intern. Xi delegazzjonijiet xorta għid li l-attenzjoni għal ċerti kwistjonijiet li għandhom jittejbu aktar.
61. Id-diskussjoni tal-Kunsill Ecofin ta' Diċembru tħejjiet fl-HLWP fis-27 ta' Novembru 2024.
62. Fl-10 ta' Diċembru, fil-Kunsill Ecofin, il-ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni u pprovdew gwida politika.

3) **Kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni**

a) Id-Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (DAC 9)

63. Fit-28 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni ("DAC9")³⁸.

³⁸ Dok. ST 15004/24 + ADD 1.

64. Il-proposta toperazzjonalizza l-Artikolu 44 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 (id- "Direttiva dwar it-Tieni Pilastru"), li jipprevedi li l-ewwel rappurtar dwar informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari minn gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira ser jeħtieġ isir sat-30 ta' Ġunju 2026.
65. Wara l-preżentazzjoni ta' din il-proposta u l-iskambju inizjali ta' fehmiet fil-laqgħa tad-WPTQ tat-13 ta' Novembru, ser tkun meħtiegħa aktar ħidma teknika, biex jiġi żgurat li n-negozjati dwar din il-proposta ta' prijorià jipproċedu malajr.
- b) Skambju awtomatiku ta' informazzjoni rilevanti għat-taxxa ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE
66. Il-Presidenza Ungeriża aġġornat b'mod regolari lid-WPTQ (Livell Għoli) dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-kwistjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali (b'mod partikolari l-GDPR) għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (minn hawn 'il quddiem "AEOI") ma' ġurisdizzjonijiet mhux tal-UE. Din il-ħidma komplet tibni fuq id-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet li saru matul il-mandati tal-Prezidenzi preċedenti³⁹.
67. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet huma fil-kompetenza tal-Istati Membri, huwa meqjus utli li f'dan l-istadju titkompla l-ħidma koordinata f'dan il-qasam. Għalhekk huwa mistenni li dawn il-kwistjonijiet jiġu eżaminati regolarment fid-WPTQ, kif meħtiegħ.
- c) Ftehimiet tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monaco, San Marino u l-Iżvizzera
68. Wara d-diskussjonijiet rispettivi fid-WPTQ (Livell Għoli) mibdija fl-2023⁴⁰, fis-17 ta' Jannar 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għall-emendar tal-ħames ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u, rispettivament, il-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino.⁴¹

³⁹ Ara d-dok. ST 11287/24, il-punti 55-56, id-dok. ST 10710/23, il-punti 31-32, id-dok. ST 15506/22, il-punti 46-48; id-dok. ST 9970/21, il-punti 81-82; id-dok. ST 14651/21, il-punti 50 -59.

⁴⁰ Dok. ST 16411/23, p. 17 u 18.

⁴¹ Dok. ST 5598/24 + ADD 1.

69. L-għan tan-negozjati previsti għall-emendar ta' dawn il-ħames ftehimiet huwa dan li ġej:
- a) li jiġi żgurat li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri tal-UE u l-ħames pajjiżi mhux tal-UE fil-qafas tal-ħames ftehimiet rispettivi tal-UE, mill-1 ta' Jannar 2026, ikun allinjat mal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) aġġornat, żviluppat mill-OECD, u jkompli jsir f'konformità miegħu; l-implimentazzjoni tas-CRS aġġornat fl-UE ġiet inkluża fid-Direttiva 2023/2226 (DAC8);
 - b) li r-referenzi legali għad-Direttiva 95/46/KE jiġu aġġornati b'referenzi għar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR), fejn ikun xieraq.
70. Fil-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-emendar tal-Ftehimiet li jikkonċernaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji biex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco u r-Repubblika ta' San Marino, rispettivament⁴², u qabel dwar id-direttivi ta' negozjati⁴³.
71. Fil-laqgħat tal-HLWP tas-26 ta' Settembru u tal-24 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rrapportat dwar il-progress li sar fin-negozjati dwar ftehimiet emendatorji mal-Iżvizzera, il-Liechtenstein, San Marino, Monaco u Andorra.

⁴² Dok. ST 9543/24, ST 9245/24.

⁴³ Dok. ST 9245/24 ADD 1.

d) Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tal-VAT

72. F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni aġġornat lid-delegazzjonijiet dwar in-negozjati mal-awtoritajiet tan-Norveġja biex jiġi emendat il-ftehim dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru ta' talbiet fil-qasam tal-VAT, u kkonsultathom dwar l-abbozz ta' emendi għall-ftehim.
73. Peress li maġġoranza kbira ħafna tad-delegazzjonijiet setgħu jaqblu mal-abbozz ta' emendi, il-Presidenza kkonkludiet li l-pass li jmiss kien li tistenna l-proposti tal-Kummissjoni għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim skont l-Artikolu 218 TFUE.
74. Il-Kummissjoni ħarġet il-proposti tagħha fl-24 ta' Novembru 2023. Wara li konsultazzjoni bil-miktub ma qajmet l-ebda oġġezzjoni mid-delegazzjonijiet, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet adottata mill-Kunsill fl-20 ta' Frar u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta' Frar 2024.
75. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, u hekk witta t-triq għall-konklużjoni tal-Ftehim mill-Kunsill.
76. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-2 ta' Ottubru 2024.
77. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

e) Il-Programm Fiscalis għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

78. Il-programm Fiscalis għandu l-għan li jappoġġa lill-awtoritajiet tat-taxxa biex itejbu l-funzjonament tas-suq intern, irawmu l-kompetittività, jiġġieldu kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u jtejbju l-ġbir tat-taxxa. Sa mill-bidu tiegħu, il-programm ikkontribwixxa għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, għall-ħolqien ta' networks ta' esperti tat-taxxa, bħall-Eurofisc, għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni armonizzata tal-leġislazzjoni tat-taxxa tal-UE u kiseb riżultati tanġibbli f'termini ta' rkupru tat-taxxa. Dawn ir-riżultati sinifikanti kienu possibbli bis-saħħa tal-finanzjament mill-fondi Fiscalis tal-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri fl-attivitajiet ta' kollaborazzjoni ġenerali tiegħu, bħall-Gruppi tal-Proġetti, il-Kontrolli Multilaterali u s-sessjonijiet ta' ħidma, li pparteċipaw b'mod attiv mill-Istati Membri. Fost il-ħafna attivitajiet importanti, f'Ottubru 2024, delegazzjoni waħda infurmat lill-HLWP dwar seminar organizzat fil-qafas tal-programm Fiscalis fejn diversi Stati Membri stiednu lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar il-prodotti tat-tabakk.

C. **KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA DWAR IT-TAXXA (attivitajiet mhux leġislattivi)**

Ħidma importanti fil-qasam tal-koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa (lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tat-taxxa) ġiet avvanzata, kif jidher hawn taħt.

1) **Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi)**

79. Il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) iltaqa' fil-25 ta' Settembru u fl-20 ta' Novembru 2024, u l-laqgħat tas-subgrupp saru fil-5 ta' Lulju, fil-11 ta' Settembru u fit-8 ta' Novembru 2024.
80. Ir-reviżjoni biannwali tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet approvata mill-Kunsill fit-8 ta' Ottubru 2024 u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-18 ta' Ottubru 2024⁴⁴.
81. Rapport aktar estensiv jinsab fir-rapport biannwali ddedikat tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta⁴⁵.

⁴⁴ ĠU C, C/2024/6322, 18.10.2024.

⁴⁵ Dok. ST 16328/24 + ADD 1-7.

2) **Riżoluzzjoni tan-NU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti**

82. Fit-30 ta' Diċembru 2022, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat formalment Riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa (Riżoluzzjoni 77/244). Bir-Riżoluzzjoni, il-membri tan-NU talbu lis-Segretarju Ġenerali tan-NU (SĠNU) biex iħejji rapport (diskuss mill-Assemblea Ġenerali fit-78 sessjoni tagħha f'Settembru 2023) li janalizza l-istrumenti legali internazzjonali kollha u dokumenti u rakkomandazzjonijiet rilevanti oħra li jindirizzaw il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-arranġamenti internazzjonali u multilaterali eżistenti. Għal dan l-għan, fi Frar 2023 is-Segretarju Ġenerali nieda konsultazzjoni pubblika.
83. Fit-8 ta' Marzu 2023, wara l-laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés Fiskali, l-Istati Membri appoġġaw il-preżentazzjoni ta' kontribut mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Wara dan l-appoġġ, fil-15 ta' Marzu 2023 ġie ċċirkolat u approvat abbozz ta' kontribut mill-HLWP permezz ta' proċedura ta' silenzju informali. Il-kontribut ġie sussegwentement iffirmit mill-President tal-HLWP u ppreżentat lis-Segretarjat tan-NU b'mod konġunt mid-delegazzjoni tal-UE u dik tal-Iżvezja⁴⁶.
84. Matul id-diskussjoni fl-HLWP tal-25 ta' April 2023 id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom għall-koordinazzjoni, skont ma jkun rilevanti, tal-pożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa mill-Istati Membri tal-UE li għandhom jiġu trazzmessi fin-NU, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol. L-HLWP ingħata l-mandat biex ikompli jissorvelja l-iżviluppi.
85. Ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU (SĠNU) dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa ġie ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2023.⁴⁷ Ir-rapport ipprova analiżi tal-arranġamenti eżistenti fil-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa u esplora diversi opzjonijiet biex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, b'enfasi fuq l-inklużività.

⁴⁶ Dok. ST 7564/23.

⁴⁷ <https://financing.desa.un.org/document/promotion-inclusive-and-effective-international-tax-cooperation-united-nations-a78235>

86. Fil-15 ta' Settembru 2023, l-Attachés/Kunsillieri Fiskali kkunsidraw abbozz ta' pożizzjoni fisem l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti li tirrifletti l-konklużjonijiet tar-rapport. Il-pożizzjoni ġiet approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2023.⁴⁸
87. Fit-22 ta' Novembru 2023, it-Tieni Kumitat tan-NU adotta abbozz rivedut ta' Riżoluzzjoni mill-Grupp Afrikan, intitolat Il-Promozzjoni ta' kooperazzjoni fiskali internazzjonali inklużiva u effettiva fin-Nazzjonijiet Uniti (A/C.2/78/L.18/Rev.1), b'vot ta' maġġoranza. Ir-Riżoluzzjoni għażlet l-opzjoni 2 tar-rapport tas-SĠNU, filwaqt li ddeċidiet fost l-oħrajn li tistabbilixxi Kumitat Intergovernattiv Ad Hoc immexxi mill-Istati Membri u miftuħ għall-fini tal-abbozzar ta' Termini ta' Referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali.
88. Fl-HLWP tat-23 ta' Novembru 2023, il-Presidenza u l-Kummissjoni rrapportaw dwar il-progress fin-negozjati fit-Tieni Kumitat tal-Assemblea Ġenerali fit-tmienja u sebgħin sessjoni tagħha. Wara r-rakkomandazzjoni tat-Tieni Kumitat tan-NU, fit-22 ta' Diċembru 2023, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-Riżoluzzjoni 78/230 dwar Il-Promozzjoni ta' Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali Inklużiva u Effettiva fin-Nazzjonijiet Uniti b'vot ta' maġġoranza.
89. Fid-WPTQ tas-26 ta' Jannar 2024, id-delegazzjonijiet kellhom skambju inizjali ta' fehmiet dwar ir-rwol tal-UE u l-Istati Membri tagħha [...] fil-ħidma mibdija bir-riżoluzzjoni 78/230 tal-AĠNU dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva fil-qasam tat-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti.
90. Fil-laqgħa tas-7 ta' Frar, il-Presidenza Belġjana aġġornat lill-HLWP dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma fin-Nazzjonijiet Uniti u d-delegazzjonijiet iddiskutew pożizzjoni komuni possibbli (tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha) għall-ħidma li jmiss tal-Kumitat Ad Hoc. F'din il-laqgħa, id-delegazzjonijiet qablu dwar tliet messaġġi komuni bħala prinċipji gwida ġenerali għal impenn kostruttiv matul l-ewwel sessjoni organizzattiva fi New York mill-20 sat-22 ta' Frar.

⁴⁸ Dok. ST 12967/23.

91. Wara s-sessjoni msemmija u t-talba mill-President tal-Kumitat Ad Hoc biex jiġu pprovduti kontributi bil-miktub dwar l-abbozz ta' Termini ta' Referenza (ToR) sal-15 ta' Marzu, il-Presidenza organizzat laqgħa tal-Attachés Fiskali fil-11 ta' Marzu biex tiddiskuti u tistabbilixxi strateġija b'antiċipazzjoni tan-negozjati li ġejjin. Abbażi tal-feedback mibgħut mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' test introdutturju li jiddeskrivi l-prinċipji u sett ta' għodod b'suġġetti possibbli biex jiggwidaw l-inputs li għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tan-NU. Sussegwentement, diversi Stati Membri użaw dan it-test introdutturju fl-inputs bil-miktub tagħhom, u xi Stati Membri ppreżentaw proposti dwar kwistjonijiet ta' sustanza għall-inklużjoni possibbli fl-abbozz tat-Termini ta' Referenza.
92. Fl-HLWP tas-26 ta' Marzu 2024, id-delegazzjonijiet inkarigaw lill-Attachés Fiskali biex ikomplu d-diskussjonijiet dwar pożizzjoni komuni possibbli (tal-UE u l-Istati Membri tagħha) qabel l-ewwel sessjoni sostanzjali tal-Kumitat Ad Hoc fi New York mis-26 ta' April sat-8 ta' Mejju 2024.
93. Fit-12 ta' April 2024, l-Attachés Fiskali kkunsidraw abbozz ta' pożizzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-ewwel sessjoni sostanzjali tal-Kumitat Ad Hoc (New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024), ibbażat fuq proposta tal-Presidenza.
94. Fil-25 ta' April 2024, il-Kunsill approva l-pożizzjoni [...] f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha valida għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc.⁴⁹
95. Il-pożizzjoni maqbula ngħatat mid-delegazzjoni tal-UE għan-Nazzjonijiet Uniti f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha u mill-Belġju bħala Stat Membru li kien qed jeżerċita l-Presidenza tal-Kunsill f'isem l-Istati Membri tal-UE matul il-ftuħ tal-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc fis-26 ta' April 2024. Il-pożizzjoni komuni kienet appoġġata u kkumplimentata minn Stati Membri oħra li pparteċipaw fis-sessjoni. Matul is-sessjoni, il-Presidenza Belġjana, id-delegazzjoni tal-UE u s-servizzi tal-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib biex jorganizzaw laqgħat regolari ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u koordinazzjoni tal-UE. Il-parteeċipazzjoni virtwali għad-delegazzjonijiet mill-bliet kapitali u għall-konsulenti/attachés fiskali ibbażati fi Brussell kienet permessa wkoll. Dawn il-laqgħat saru alternattivament ma' dawk tal-grupp reġjonali tan-NU tad-WEOG, u wara dan l-Istati Membri kollha tal-UE ġew aġġornati dwar l-aħħar diskussjonijiet. Saru wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi terzi kif ukoll laqgħat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif diskuss fuq il-post.

⁴⁹ Dok. ST 9129/24 REV 1.

96. Fil-11 ta' Ġunju 2024, l-HLWP ġie infurmat dwar l-eżitu tal-Kumitat Ad Hoc u t-triq 'il quddiem fin-negożjati tan-NU. Il-Presidenza Belġjana infurmat lill-Kunsill Ecofin ta' Ġunju f'dan ir-rigward.
97. Fit-3 ta' Lulju 2024, l-Attachés Fiskali kkunsidraw abbozz ta' pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-tieni sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc.
98. Fis-16 ta' Lulju 2024, il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-tieni sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc biex jiġu abbozzati t-termini ta' referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa (New York, 29 ta' Lulju - 16 ta' Awwissu 2024).⁵⁰
99. Fid-29 ta' Lulju, il-pożizzjoni maqbula nġhatat bħala dikjarazzjoni ġenerali fil-Kumitat Ad Hoc mid-delegazzjoni tal-UE għan-Nazzjonijiet Uniti fisem l-UE u l-Istati Membri tagħha u d-delegazzjoni Ungeriża bħala Stat Membru li jeżerċita l-Presidenza tal-Kunsill fisem l-Istati Membri tal-UE. Il-pożizzjoni komuni ggwidat lill-UE u lill-Istati Membri tagħha matul in-negożjati matul it-tieni sessjoni kollha tal-Kumitat Ad Hoc. Il-pożizzjoni ġiet żviluppata ulterjorment waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post u riflessa fi preżentazzjonijiet sussegwenti bil-miktub li l-Istati Membri tal-UE ressqu lill-Kumitat Ad Hoc u l-involvement tal-Istati Membri tal-UE fid-diskussjonijiet tas-sessjoni. Il-Presidenza Ungeriża kellha rwol attiv tul il-proċess kollu u kompliet il-prattika ta' kooperazzjoni mill-qrib mad-delegazzjoni tal-UE u s-servizzi tal-Kummissjoni billi organizzat laqgħat regolari ta' kondivżjoni ta' informazzjoni u ta' koordinazzjoni fil-livell tal-UE, bil-parteċipazzjoni virtwali ta' delegazzjonijiet mill-bliet kapitali u konsulenti/attachés fiskali bbażati fi Brussell.
100. Fis-16 ta' Awwissu, il-Kumitat Ad Hoc adotta l-abbozz ta' Termini ta' Referenza għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa (UNFCITC), li jiddeskrivu l-prinċipji, l-oġġettivi u l-kontenut tagħha, inkluż il-protokoll. L-Istati Membri kollha tal-UE astjenew mill-vot u pprovdew l-ispjegazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom⁵¹.

⁵⁰ Dok. ST 11959/24.

⁵¹ Dok. ST 12786/24.

101. Wara l-adozzjoni tal-abbozz tat-Termini ta' Referenza mill-Kumitat Ad hoc flimkien mar-rapport dwar l-eżitu tat-tieni sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc, dawn intbagħtu lill-Assemblea Ġenerali tan-NU għall-konsiderazzjoni matul id-79 sessjoni tagħha, fit-Tieni Kumitat (Ekonomiku u Finanzjarju).
102. Bil-għan li titkompla t-tnejn ta' pożizzjoni komuni effettiva għall-proċess tan-NU dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' pożizzjoni komuni għad-79 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU (AĠNU 79). L-abbozz ta' pożizzjoni komuni ġie diskuss fil-laqgħa tal-Attachés Fiskali tad-19 ta' Settembru u t-test ġie maqbul fl-HLWP tas-26 ta' Settembru 2024.
103. Fit-8 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ecofin approva l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' taxxa għad-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU.⁵²
104. Fis-27 ta' Novembru 2024, id-79 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-riżoluzzjoni dwar il-"Promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali inklużiva u effettiva dwar it-taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti" biex jinbdew in-negozjati formali dwar Konvenzjoni Qafas. L-Istati Membri tal-UE astjenew mill-vot.

3) L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

105. Fil-kuntest tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bil-parteċipazzjoni tal-Belarussja, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa eżamina għadd ta' miżuri li l-Istati Membri jistgħu jsegwu biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' miżuri restrittivi tal-UE (fir-rigward tar-Russja u tal-Belarussja) u jipprevjenu ċ-ċirkonvenzjoni tagħhom permezz ta' strumenti ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa.
106. L-ewwel nett, l-Istati Membri qablu dwar il-ħtieġa li jwaqqfu l-iskambji kollha ta' informazzjoni għal finijiet ta' taxxa mal-Federazzjoni Russa u mal-Belarussja. It-tieni, l-Istati Membri tal-UE eżaminaw għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva u strumenti oħra fil-qasam tat-taxxa fil-kuntest tal-infurzar tal-miżuri restrittivi.

⁵² Dok. ST 13895/24.

107. F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ser ikompli jeżamina l-iżviluppi ulterjuri rigward dawn il-miżuri, inkluż il-ħidma li qed issir fuq il-pjattaforma temporanja maħluqa mill-Kummissjoni fit-3 ta' Ġunju 2022 fil-forma ta' subgrupp tat-Task Force "Iffriżar u Sekwestru" dwar l-infurzar tat-taxxa.
108. Fil-laqgħa tal-HLWP tas-27 ta' Novembru 2024, id-delegazzjonijiet ħadu nota tal-aġġornament ipprovdut mill-Kummissjoni dwar il-ħidma ta' dan is-subgrupp.

4) Aspetti ta' tassazzjoni tar-rapport ta' Draghi

109. Il-kompetittività mill-angolu tat-tassazzjoni ġiet indirizzata fil-laqgħa informali tal-HLWP li saret f'Budapest fit-18 u d-19 ta' Lulju 2024, fejn wieħed mis-suġġetti diskussi kien "L-isfidi tal-kompetittività tat-tassazzjoni korporattiva minn perspettiva globali", bil-parteċipazzjoni tas-Sa Manal Corwin (Direttur, Ċentru tal-OECD għall-Politika u l-Amministrazzjoni tat-Taxxa). Waqt din id-diskussjoni, id-delegazzjonijiet esploraw modi possibbli biex titrawwem il-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE u ssottolinjaw li l-politika tat-taxxa jista' jkollha rwol fil-kompetittività u fit-tiswir tal-ambjent tal-investment.
110. Fid-9 ta' Settembru 2024, Mario Draghi ppreżenta r-rapport "The future of European competitiveness" li ġie diskuss f'diversi konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, peress li l-kompetittività hija wieħed mis-suġġetti prijoritarji tal-Presidenza Ungeriża. Fil-5 ta' Novembru 2024, il-Ministri tal-Kunsill Ecofin kellhom diskussjoni informali waqt il-kolazzjon dwar l-aspetti tat-tassazzjoni ta' dan ir-rapport. Huma elaboraw dwar kif it-tassazzjoni tista' tikkontribwixxi biex tiżdied il-kompetittività fil-livell tal-UE, anke fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' Draghi.
111. Il-ministri indikaw li għalkemm it-tassazzjoni mhijiex is-suġġett ċentrali tar-rapport, jista' jkollha ċertu rwol biex tiżdied il-kompetittività fil-livell tal-UE. Madankollu, l-impatt tar-rakkomandazzjonijiet li jagħmel Draghi b'rabta mat-tassazzjoni għandu jiġi analizzat bir-reqqa qabel ma tittieħed deċizzjoni dwar l-implimentazzjoni possibbli tagħhom. Barra minn hekk, il-miżuri relatati mat-tassazzjoni għandhom jiġu indirizzati flimkien ma' miżuri meħuda f'oqsma ta' politika oħra.

112. L-iżbarazzar ("decluttering") u s-simplifikazzjoni ħarġu bħala l-aspetti ewlenin li jippermettu li t-tassazzjoni tikkontribwixxi aktar għall-kompetittività. B'mod partikolari, għie ssuġġerit li l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni tista' tiġi rieżaminata bl-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv maħluq kemm għan-negozji kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa, filwaqt li tinżamm l-effettività tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Xi ministri enfasizzaw li l-funzjonament tas-suq intern huwa essenzjali għall-kompetittività u nnutaw li ta' min jiġi analizzat aktar kif jistgħu jitneħħew l-ostakli relatati mat-tassazzjoni għan-negozji u l-investimenti transfruntieri.
113. Xi ministri rriflettew dwar inċentivi tat-taxxa li jistgħu jappoġġaw l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp u d-diġitalizzazzjoni.
114. Issemma li l-prezzijiet tal-enerġija għandhom jiġu kkontrollati. It-tassazzjoni fuq l-enerġija jista' jkollha rwol f'dan iżda l-enfasi għandha pjuttost titpoġġa fuq riformi f'oqsma mhux tat-taxxa. F'dan il-kuntest, xi ministri appellaw għal qbil rapidu dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija biex jingħata sinjal ċar dwar it-tranżizzjoni ekoloġika.
115. Għadd kbir ta' ministri kienu kontra r-rakkomandazzjoni ta' Draghi biex il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata tiġi estiża għall-qasam tat-tassazzjoni u kienu favur iż-żamma tal-votazzjoni b'unanimità fit-tassazzjoni.
116. Fit-8 ta' Novembru 2024, il-mexxejja indirizzaw il-kwistjoni tal-kompetittività minn perspettiva orizzontali fil-Kunsill Ewropew informali f'Budapest.

5) Żviluppi internazzjonali

117. L-HLWP għie infurmat regolarment dwar l-iżviluppi internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni. B'mod partikolari, id-delegazzjonijiet ġew infurmati regolarment dwar il-ħidma li kienet għaddejja u s-sitwazzjoni attwali fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar il-BEPS, kif ukoll dwar l-aspetti tal-politika tat-tassazzjoni koperti fil-laqgħat tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20.

118. Kwistjonijiet relatati mal-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) tressqu regolarment għall-attenzjoni tad-delegazzjonijiet fil-laqgħat tal-HLWP. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-hekk imsejħa Amerikani aċċidentali, fi tmiem l-2022, is-Servizz ta' Dħul Intern tal-Istati Uniti ħareġ avviż li jillaxxa b'mod temporanju r-regoli biex persuni jiġu ddeterminati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin għas-snin 2022, 2023 u 2024. F'Jannar 2023, dan l-iżvilupp inġieb għall-attenzjoni tal-HLWP. F'April 2023, il-membri tal-HLWP enfasizzaw li hija meħtieġa soluzzjoni permanenti u usa' biex jiġi evitat li l-Istituzzjonijiet Finanzjarji fl-UE jiġu ttrattati bħala mhux konformi minħabba NIT neqsin f'każijiet fejn ma jkunx possibbli għall-Istituzzjonijiet Finanzjarji li jiġbru NIT. F'Lulju 2023, fl-HLWP id-delegazzjonijiet għamlu suġġeriment li tintbagħat ittra lill-Istati Uniti, li tħeġġeġ lill-Istati Uniti jipprovdu soluzzjoni aktar permanenti b'kamp ta' applikazzjoni usa' malajr kemm jista' jkun. Għalhekk, f'Settembru 2023, intbagħtet ittra lill-Istati Uniti f'isem l-HLWP. F'Ottubru 2024, il-Presidenza Ungeriża infurmat lill-HLWP bl-intenzjoni tagħha li jkollha laqgħa mat-Teżor tal-Istati Uniti. Fl-aħħar ta' Ottubru 2024, is-Servizz tad-Dħul Intern tal-Istati Uniti rrilaxxa avviż li estenda l-eżenzjoni temporanja għas-snin 2025, 2026 u 2027. Madankollu, din mhijiex soluzzjoni permanenti u hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni. F'Novembru 2024, il-Presidenza kellha diskussjoni informali mat-Teżor tal-Istati Uniti u dan l-iżvilupp inġieb għall-attenzjoni tal-HLWP.

6) Djalogu bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-Ġlieda kontra Reġimi tat-Taxxa Dannużi

119. L-HLWP ġie infurmat dwar l-ewwel djalogu bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-Ġlieda Kontra Reġimi tat-Taxxa Dannużi, li sar fl-10 ta' Ottubru 2024. Id-djalogu huwa previst skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar il-Ġlieda Kontra Reġimi tat-Taxxa Dannużi fil-kuntest tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Kif ikkonfermat mid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni rigward id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-Ġlieda kontra r-Reġimi tat-Taxxa Dannużi, id-djalogu huwa mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta.

7) **Taxxa f'oqsma mhux tat-taxxa (TINTA)**

120. Fid-19 ta' Novembru 2013, l-HLWP qabel li d-dispożizzjonijiet tat-taxxa fid-dossiers mhux relatati mat-taxxa li jwasslu għal kwalunkwe bidla fil-liġijiet tat-taxxa jew fil-prattiki amministrattivi tal-Istati Membri jew li jkollhom konsegwenzi oħrajn fuq it-tassazzjoni, għandhom jaqgħu taħt "mekkaniżmu ta' twissija informali". L-approċċ sistematiku li dawn il-każijiet jitpoġġew għall-attenzjoni tal-esperti tat-taxxa, bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali, kompla jiżgura li l-Istati Membri jingħataw twissija f'waqtha, inkluż fir-rigward ta' negozjati ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. L-HLWP ħa nota tal-aktar informazzjoni reċenti f'dan ir-rigward.

8) **Kumitat Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim fit-Taxxa (ITDRC)**

121. Fil-laqgħa tal-HLWP tal-24 ta' Ottubru 2024, l-Istati Membri ġew aġġornati dwar in-negozjati dwar Konvenzjoni dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim fit-Taxxa.